**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 6 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 20**

**Avviz Nru: 409/02 JB**

**Panta Marketing & Services Ltd**

**vs**

**Charles Ellul**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm778.50c (seba' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu) bilanc parti minn somma akbar, rapprezentanti konsenja, installazzjoni u certifikazzjoni ta' sistema ta' "Solar heating" fl-indirizz tal-konvenut, maghmul mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li l- konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lil Dr Adrienne Agius tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm778.50c (seba' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu) bilanc parti minn somma akbar, rapprezentanti konsenja, installazzjoni u certifikazzjoni ta' sistema ta' "Solar heating" fl-indirizz tal-konvenut, maghmul mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut stess, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**